Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

7 ta' Awwissu 2024

# Aġġornament dwar ir-reviżjoni tal-punti ta' referenza tal-Kontijiet Nazzjonali: Awwissu 2024

Sa ssir reviżjoni tal-punti ta' referenza fl-istatistika tal-Kontijiet Nazzjonali, kif miftiehem fil-livell Ewropew għall-2024. Din ir-reviżjoni ħierġa fit-28 ta' Awwissu 2024 flimkien mal-istqarrija tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) għat-tieni kwart tal-2024. Barra minn hekk, f'Ottubru 2024, l-NSO sejjer ikun qiegħed joħroġ il-kontijiet annwali mhux finanzjarji skont is-setturi istituzzjonali, li sa jkunu konsistenti mal-aggregati ewlenin u l-kontijiet ta' kull tliet xhur għall-amministrazzjoni pubblika.

Ir-reviżjonijiet tal-punti ta' referenza għandhom l-għan li jirriflettu titjib li jkun ġej minn tibdil fil-metodoloġiji tal-istatistika, il-kunċetti, is-sorsi tad-data, it-tifsiriet u l-klassifikazzjonijiet użati fil-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-data.

Bħala riżultat ta' dawn ir-reviżjonijiet, il-PDG annwali bil-prezzijiet kurrenti (nominali) sa jiżdied b'medja ta' madwar 2.1 fil-mija bejn l-2000 u l-2023. Ir-reviżjonijiet fil-PDG nominali sa jkunu bejn -0.8 fil-mija fl-2000 u 7.6 fil-mija fl-2020. Fir-rigward tar-rati ta' tkabbir, it-tkabbir tal-PDG sa jiġi rivedut 'il fuq b'madwar 0.3 punti perċentwali, bħala medja, bejn l-2001 u l-2023. Bl-istess mod, ir-reviżjonijiet tat-tkabbir tal-PDG f'termini ta' volum (reali) huma mistennija li jiżdiedu b'medja ta' 0.3 punti perċentwali wkoll bejn l-2001 u l-2023. Huwa importanti li jkun innotat li dawn iċ-ċifri għadhom preliminari.

It-titjib ewlieni li ġabet magħha din ir-reviżjoni kien elenkat fl-Avviż ta' Tagħrif għall-Istampa maħruġ fit-3 ta' Ġunju 2024. Minn dak iż-żmien, ittieħdet deċiżjoni biex ir-riżultati mill-Istħarriġ tal-Istatistika Strutturali tan-Negozju (SBS) għas-sena ta' referenza 2022 jiġu integrati parzjalment ukoll, barra mis-settijiet ta' data tal-2020 u l-2021.